MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Numru 8/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**George Gatt**
**Anthony Zahra**
**Louise Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 8 tas-sena 2007 kontra l-akkuzati George Gatt, Anthony Zahra u Louise Zahra, li bih huma gew akkuzati talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-uniku Kap illi fit-tnejn (2) ta' Settembru, elfejn u wiehed (2001) fi Triq it-Turretta, l-Kalkara ghal habta tas-seba' w nofs ta' filghaxija (7.30 p.m.), inqalghet kustjoni bejn George Gatt, Anthony Zahra u Louise Zahra mal-gar taghhom Stephen Sultana. Illi f'mument minnhom armati bi skieken u pistola huma aggredew lil Stephen Sultana w dana bil-hsieb li joqtlu jew iqeghedulu hajtu f'periklu car. Illi fil-fatt Stephen Sultana sofra diversi feriti izda fortunatament ma ntlaqatx

mit-tiri li gew sparati fid-direzzjoni tieghu w il-feriti ma kkagunawx il-mewt.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija George Gatt, Anthony Zahra u Louise Zahra saru hatja ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew bil-hsieb li jqieghdu l-hajja taghha f'periklu car, urew dana l-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija George Gatt, Anthony Zahra w Louise Zahra hatja ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew bil-hsieb li jqieghedu l-hajja taghha f'periklu car, urew dana l-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghha.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi huma jigu kkundannati ghall-piena ta' prigunerija minn seba' snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31(1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat in-Nota ta' eccezzjonijiet ta' Louise Zahra u dik ta' Anthony Zahra it-tnejn tat-28 ta' Frar, 2007 li huma identici w li jghidu testwalment hekk :-

*"1. In-nullita' ta' l-Att ta' Akkuza in konsegwenza ghan-nullita' tal-Istruttorja ai termini tal-Artikolu 597(4) u dan peress illi huwa mankanti ghal kollox ir-rapport gurament (Sic!) tal-ufficjal tal-Pulizija."*

*"2. In-nullita' tal-kap wahdieni ta' l-Att ta' Akkuza u dan ghaliex ma josservax ir-rekwiziti tal-Artikolu 589 tal-Kap.9 peress illi fil-parti espozittiva tal-kap ma jigux imfissra l-fatti li jikkostitwxxu r-reat addebitat fil-parti akkuzatorja."*

Rat il-verbal registrat fis-seduta tad-19 t' Ottubru, 2007, li bih din il-Qorti osservat li :-

*"…wara li semghet it-trattazzjoni preliminari, illi fl-ewwel seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002, ma jirrizulktax li nqara r-rapport u gie kkonfermat bil-gurament mill-Ispettur u lanqas li sar l-ezami tal-imputati. Osservat ukoll li xorta wahda pero' saret talba ghall-korrezzjoni tal-akkuza u giet milqugha - fol. 11."*

*"fil-15 ta' Jannar, 2003 ma sar xejn - fol. 15"*

*"Fl-14 ta' Frar, 2003 ma sar xejn ghax l-akkuzata Louise Zahra ma dehritx- fol.18."*

*"A fol. 22 hu verbalizzat inter alia li nqrat l-akkuza bil-gurament u sar l-ezami fil-waqt li l-ezami jidher li gie inserit fil-process ma hemm ebda dokument jew traskrizzjoni tax-xiehda ta' l-ispettur Camilleri fejn ikkonfermat ir-rapport bil-gurament u x-xiehda taghha hi limitata ghall-provi tal-kaz."*

*"Il-Qorti tordna lid-Deputat Registratur li jaghmel indagni fl-awla koncernata biex jara tezistix xi tape recording jew traskrizzjoni taghha tal-konferma tar-rapport mill-Ispettur Camilleri."*

Semghet ix-xiehda bil-gurament tal-Ispettur Marisa Camilleri fl-istess udjenza, li, fis-sustanza, qalet li tikkonferma li fis-seduta numru erba u cioe' dik a fol. 22 tal-process hi kienet l-ewwel ikkonfermat ir-rapport bil-gurament. Dan kien l-ewwel kaz taghha. Fl-ewwel seduta ma tiftakarx li qrat ir-rapport. Fir-raba' seduta qratu.

Rat in-Nota tad-Deputat Registratur John Farrugia tad-9 ta' Novembru, 2007 li biha informa l-Qorti li b' riferenza ghall-verbal tad-19 t' Ottubru, 2007, illi mir-ricerki li ghamel

ghat-*tape recording* tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 2003, gie infurmat mis-Sur John Schembri, l-persuna inkarigata mit-tapes li jintuzaw fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), illi fuq ordnijiet lilu moghtija dawn it-tapes gew imhassra biex jergghu jintuzaw.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2007, li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li l-atti kollha, inkluza l-akkuza a fol. 1, igibu firma jew speci ta' firma tal-Magistrat.

Semghet it-trattazzjoni;

Dwar l-ewwel eccezzjoni taz-zewg akkuzati Zahra, Dr. Anthony Barbara ghall-prosekuzzjoni ssottometta li l-ligi fl-artikolu 597 (4) tghid li "*Fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija"* ikun jista' jigi attakkat l-att ta' l-akkuza minhabba difett fl-atti tal-kumpilazzjomi. Ir-rapport mhu xejn hlief l-akkuza u din tinsab fil-process. Il-ligi imkien ma tghid li trid issir bil-miktub il-konferma bil-gurament. Skond il-verbal ir-rapport gie konfermat bil-gurament u ma hemmx bzonn traskrizzjoni tad-depozizzjoni fejn ikun gie konfermat ir-rapport.

Dr. Roberto Montalto ghall-akuzati Anthony u Louise Zahra ssottometta pero' li ghandha ssir analogija mall-kaz "Ir-Repubblika vs. Jason Briffa et" fejn ma kienx hemm il-firma tal-Magistrat ghalkemm l-ezami kien sar. F' dal-kaz, anki jekk ir-rapport gie konfermat bil-gurament u jekk sar, dan mhux registrat u mhux iffirmat mill-Magistrat, meta, skond l-artikolu 390 (1) kollox ghandu jitnizzel bil-miktub

Dwar it-tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzati Zahra, Dr. Montalto ssottometta li l-fatti kienu jindikaw l-elementi tar-rissa u mhux tat-tentativ t'omicidju.

Dr. Barbara invece ssottometta li intenzjoni omicida kien hemm f' dan il-kaz u l-fatti juru proprju li kien hemm tentattiv u ma hemmx dubju ghal x'hiex qed tirriferi l-akkuza fil-parti espozittiva.

Ikkonsidrat

Illi l-artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali jiddisponi testwalment kif gej:-

*"L-att ta' l-akkuza ma jistax jigi attakkat minhabba difetti fl-atti tal-kumpilazzjoni, u l-akkuzat lanqas ma jista' jitlob li, minnhabba xi wiehed minn dawn id-difetti, il-kawza ma tghaddix 'il quddiem fuq dak l-istess att ta' l-akkuza, hlief jekk dak id-difett ikun jikkonsisti fin-nuqqas ghal kollox tar-rapport ta' l-ufficjal tal-Pulizija ……bla hsara dejjem tal-jedd ta' l-akkuzat u ta' l-Avukat Generali li jopponi li jingieb fil-kawza xi att li ma jkunx maghmul skond il-ligi, u li jkun irid jingieb sabiex bih issir xi prova."*

Umbaghad l-artikolu l-iehor invokat mill-akkuzati eccipjenti u cioe' l-art. 390(1) tal-Kap.9 jiddisponi li l-Qorti tal-Magistrat bhala Qorti Istruttorja trid :- *"tisma' r-rapport bil-gurament ta' l-ufficjal tal-Pulizija, tezamina, bla gurament, lill-imputat, u tisma' l-provi li jingiebu biex isahhu r-rapport. Kollox ghandu jitnizzel bil-miktub."*

Issa f' dan il-kaz jidher, mid-dicitura adoperata fl-akkuza li tidher a fol. 1 tal-atti tal-kumpilazzjoni, li l-akkuzati kienu tressqu quddiem il-Qorti b' citazzjoni li nharget mill-Ispettur Marisa Camilleri fis-6 ta' Settembru, 2002 u cioe' aktar minn sena wara l-allegati delitti. Din ic-citazzjoni ma kellhiex data li fiha l-akkuzati kellhom jidhru l'Qorti u din thalliet in bjank. Jidher li fl-istess data l-kumpilazzjoni giet assenjata lil-awla preseduta mill-Magistrat Carol Peralta mir-Registru tal-Qorti tal-Magistrati w dan skond it-timbru li jidher fuq l-istess citazzjoni. Jidher li l-Qorti tal-Magistrati appuntat il-kumpilazzjoni ghat-30 t' Ottubru, 2002, pero' f' dik id-data ma sar xejn ghaliex ma deher hadd u l-kawza giet differita ghat-2 ta' Dicembru, 2002.

F' din l-ahhar data dehret l-Ispettur Camilleri u l-akkuzati odjerni u Dr. DeMarco ghall-parte civile. Il-Prosekuzzjoni talbet li tirtira l-ewwel imputazzjoni w tissostitwiha bis-segwenti :-
*"Bil-hsieb li tikkommettu reat u cioe' li toqtlu jew li tqieghdu l-hajja ta' Stephen Sultana f' perikolu car, tajtu bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, ikkagunajtu offiza ta' natura*

*gravi fuq il-persuna ta' Stephen Sultana, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendeti mil-volonta' taghhom."*

Dr. Christine Bondin ghad-difiza oggezzjonat ghal din is-sostituzzjoni f' dak l-istadju . Il-Qorti pero' laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni, imma peress li d-difiza talbet notifika mill-gdid, il-kawza giet differita ghall-15 ta' Jannar, 2003 u gie verbalizzat ukoll li l-imputati kienu qeghdin jigu notifikati in Awla bil-kopja tac-citazzjoni kif dak in-nhar korretta (Fols. 11 u 13).

Gara pero' li fil-15 ta' Jannar, 2003, meta ssejjhet il-kawza, Dr. Bondin ipprezentat zewg certifikati medici wiehed ta' l-akkuzata Louise Zahra datat 13 ta' Jannar, 2003, ghax kien ser ikollha l-"Flu" jumejn wara cioe' fil-15 ta' Jannar, u l-iehor konsistenti f' appuntament tal-isptar Sir Paul Boffa tal-akkuzat George Gatt biex proprju jattendi fil-plastic surgery clinic dak in-nhar tal-15 ta' Jannar, 2003, (fols. 16 u 17). Ghalhekk, fil-jum appuntat ghall-kawza ma seta' jsir xejn minnhabba l-assenza ta' tnejn mill-akkuzati.

Kien ghalhekk biss fl-24 ta' Marzu, 2003, li l-kumpilazzjoni setghet tibda' fuq l-akkuza kif korretta w debitament notifikata lit-tlitt akkuzati, billi dak in-nhar dehru t-tlitt akkuzati.Dak in-nhar skond il-verbal a fol. 22 : ***"Ingrat l-akkuza bil-gurament"*** u *"sar l-ezami".* U aktar 'l isfel gie ukoll verbalizzat li xehdet l-Ispettur Camilleri u xehed Stephen Sultana.(fol.22).

It-traskrizzjoni tad-depozizzjoni tal-Ispettur Marisa Camilleri li tibda a fol.26 pero' ma tikkontjeni ebda konferma bil-gurament ta' din l-akkuza jew "rapport" imma tghaddi mill-ewwel biex tittratta dwar il-fatti tal-kaz. Da parti taghha L-Ispettur Camilleri xehdet quddiem din il-Qorti li dak in-nhar tal-24 ta' Marzu, 2003 hija kienet ikkonfermat ir-rapport bil-gurament (kif del resto gie verbalizzat li sar).

Ikkonsidrat;

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubju li meta kienet ser tibda l-kumpilazzjoni fuq l-akkuzi kif sostitwiti, l-Ispettur Marisa Camilleri kienet ikkonfermat l-akkuza bil-gurament. Dan apparti li xehditu hi stess quddiem din il-Qorti jirrizulta espressament mill-verbal a fol. 22. Fil-fehma ta' din il-Qorti ukoll il-qari tal-akkuza bil-gurament mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun qed jaghmel il-prosekuzzjoni jissodisfa l-vot tal-ligi kif mahsub fl-artikolu 390(1) tal-Kodici Kriminali. Din kienet dejjem il-prassi segwita fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja w cioe' li mall-prezentata bl-arrest (jew f' kazijiet fejn l-akkuzat jigi imsejjah biex jidher b' citazzjoni) li l-ewwel u qabel kollox jitla' fuq il-pedana tax-xhieda l-ufficjal prosekutur u jaqra '*verbatim'* l-akkuza jew akkuzi w jikkonfermhom bil-gurament. Dan hu r-*"rapport"* ghal-fini tal-ligi w din il-Qorti ma taf bl-ebda forma ta' *"rapport"* iehor li tintuza f' dan l-istadju tal-process kriminali.(ara wkoll f' dan is-sens **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Bartolo"** u **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Owen Bonnici"** decizi llum stess).

B' dana kollu pero' jibqa' l-fatt li fl-atti tal-istruttorja ma hemmx it-traskrizzjoni ta' din il-konferma tal-akkuza bil-gurament mill-Ispettur Marisa Camilleri w l-isforzi biex jigi verifikat jekk it-*tape recording* ta' din il-konferma bil-gurament ghadux jezisti ma wasslu imkien ghax ir-recordings jigu kancellati biex it-tapes jergghu jintuzaw.

Din il-Qorti tista' biss tissoponi x' seta' gara w cioe' li wara li saret il-konferma tar-rapport bil-gurament, sar l-ezami tat-tlitt akkuzati w peress li l-Ispettur Marisa Camilleri xehdet wara li sar l-ezami, t-traskrittur ghal xi raguni li jaf hu jew bi zvista ma ttraskriviex ukoll id-depozizzjoni precedenti ghall-ezami fejn proprju gie konfermat ir-rapport bil-gurament.

Illi hu minnu li, ghalkemm gie verbalizzat li din il-formalita' ritwalistika giet osservata, fl-atti tal-istruttorja ma hemmx it-traskrizzjoni ta' din il-konferma tal-akkuza bil-gurament mill-Ispettur Marisa Camilleri.

Pero' dan fil-fehma ta' din il-Qorti ma jammontax ghar-rekwizit ta' "**nuqqas ghal kollox** tar-rapport tal-ufficjal tal-Pulizija".

Illi kif fuq intqal gie espressament verbalizzat li nqrat l-akkuza bil-gurament u, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Martin J. Camilleri"** [20.1.1995] (per V. DeGaetano J.) meta ccitat verbatim minn sentenza ohra moghtija mill-Qorti diversament preseduta fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Joseph Mohnani"** [28.4.1993], sia pure f' kuntest differenti minn dak mertu ta' din l-eccezzjoni, : *"il-Qorti ma tistax thares b' leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball."*

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, la darba gie espressament verbalizzat li l-kienet inqrat l-akkuza bil-gurament kif del resto kkonfermat l-Ispettur Marisa Camilleri fix-xiehda taghha quddiem din il-Qorti, ma jirrizultax id-difett fl-atti tal-kumpilazzjoni li jista' jaghti lok ghan-nullita' tal-att ta' l-akkuza odjern skond l-art. 597(4) tal-Kodici Kriminali w, konsegwentement, l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-akkuzati Anthony u Louise Zahra qed tigi respinta.

Ikkonsidrat.

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni preliminari tal-akkuzati Anthony u Louise Zahra jinghid li l-akkuza dedotta kontra taghhom hija dik ta' tentattiv t'omicidju volontarju. Fil-parti narrativa tal-Att ta' l-Akkuza odjern l-Avukat Generali *inter alia* jghid testwalment li :-

"*Illi f' mument minnhom armati bi skieken u pistola huma aggredew lil Stephen Sultana u dana bil-hsieb li joqtlu jew iqieghdulu hajjtu f' periklu car. Illi fil-fatt Stephen Sultana sofra diversi feriti izda fortunatament ma ntlaqatx mit-tiri li gew sparati fid-direzzjoni tieghu u il-feriti ma ikkagunawx il-mewt."*

Illi ghalkemm ma ssemiex espressament mid-difiza li fin-noti tal-eccezzjonijiet rispettivi tal-akkuzati Zahra semmiet biss l-artikolu 589 tal-Kap.9, jidher li din l-eccezzjoni qed tigi akkampata taht l-artikoli 449 (1) (b) b'riferenza ghas-sub-inciz 5 (b) tal-istess artikolu tal-Kodici Kriminali. Id-difiza targumenta li l-fatti esposti huma dawk li se mai jistghu talvolta jiwasslu ghal sejbien ta' htija fuq akkuza ta' *"offesa in rissa"*

Illi din l-eccezzjoni tista' treggi "*meta l-fatt migjub fl-att ta' akkuza ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, r-reat migjub jew deskritt f'dak l-att.*" Issa biex tirmexxi eccezzjoni bhal din jehtieg li jirrizulta li l-fatti kif deskritti fl-att tal-akkuza jew fil-kap tal-att tal-akkuza li jkun qed jigi impunjat ma jkunux jikkostitwixxu fis-sustanza r-reat li bih ikun qed jigi addebitat l-akkuzat f' dak l-att jew f' dak il-kap. (ara sentenzi ta' din il-Qorti tal-20 ta' Gunju, 1995 fil-kawza **"Repubblika ta' Malta vs. Aibrahim Bashir Ben Matue"** [Att ta' Akkuza 4/95) konfermata fl-appell fil-15 ta' Frar, 1996, "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Gatt et."** [6.12.2002], konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali bis-sentenza tat-22 ta' Mejju, 2003, **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici"** [5.1.2004], konfermata fl-Appell fil-22 t'April, 2004 u ohrajn.)

Illi eccezzjonijiet simili ghal dik in dizamina diga' gew decizi kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Kolleggjali) u dejjem gew respinti. Hekk fis-sentenza taghha tat-28 ta' Lulju, 1999, fil-kawza "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Pollacco**" , konfermata mil-Qorti tal-Appell Kriminali, fid-19 t' April, 2001, din il-Qorti diversament preseduta kienet qalet testwalment hekk:-

*"Din il-Qorti ser tirrespingi din l-eccezzjoni. Eccezzjonijiet simili diga' inghataw f'kazijiet ohra u gew michuda kemm minn din il-Qorti kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Din il-Qorti ghandha necessarjament tipprezumi li meta l-Avukat Generali ezamina l-attijiet tal-istruttorja, hu kien sodisfatt li l-fatti kienu sostanzjalment kif qed ipoggihom fil-parti espozittiva ….Din il-Qorti ser tillimita ruhha li tikkwota minn dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fuq*

*eccezzjoni simili fis-sentenza taghha tal-14 ta' Gunju, 1999, fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Christopher Borg, Joseph Rodenas u Allison Micallef" :***

"In realta' dawn il-Qrati diga' kellhom diversi drabi l-opportunita' jiddeciedu x'inhi l-pozizzjoni legali f' kazijiet bhal dan u cioe' li l-ezami li jrid isir biex wiehed jistabilixxi hux sodisfatt il-vot tal-ligi mhuwiex illi jigu ezaminati l-atti kollha tal-istruttorja, id-depozizzjonijiet kollha tax-xhieda, u l-provi kollha biex jigi stabilit jekk kull fatt, kif inhu indikat fl-Att tal-Akkuza huwiex korrett jew le, imma huwa bizzejjed jekk il-fatt addebitat lill-akkuzat ikun jirrizulta almenu mir-rapport guramentat meta tkun saret il-prezentata. Din hija gurisprudenza kostanti u kwazi centenarja u ma jidhirx li jista' jkun hemm ragunijiet bizzejjed ghaliex din il-Qorti ghandha tiddisassocja ruhha minnha."

Fil-kawza ta' **Christopher Borg et** . il-Qorti tal-Appell Kriminali kien inoltre qalet testwalment hekk :-

"Essenzjalment, l-appellant ma ghandux ragun fis-sottomissjonijiet tieghu u dan ghal ragunijiet ovvji. Infatti, biex huwa jkollu ragun, irid jigi prepost illi ghall-fini tal-artikolu 449(1) tal-Kodici Kriminali, irid jigi ezaminat il-process tal-Istruttorja mill-Ewwel Qorti biex jigi stabilit jekk il-fatti kif deskritti mill-Avukat Generali fl-Att ta' l-Akkuza ikunux jirrizultaw mill-atti tal-Istruttoirja. Din hija premessa zbaljata. Dak li jirrizulta mill-provi huwa ezercizzju li ultimament huwa rimess ghal min irid jiddeciedi fuq il-fatti skond il-ligi u ma tistax tigi koncessa ebda mizura ohra li tuzurpa dan id-dritt …"

Illi umbaghad gie ukoll ritenut mill-Qrati taghna li r-raguni ghala l-Att t' Akkuza ghandu jigi annullat trid tkun tohrog mid-dokument innifsu w l-Qorti m'ghandhiex toqghod tidhol u tindaga dwar il-verita' jew precizjoni tal-fatti msemmija fl-Att ta' l-Akkuza, izda trid tara jekk ir-rekwiziti ta' formalita' preskritti mill-ligi gewx osservati . F' "**Rex vs. Strickland**" [21.3.1923] (Vol. XXV, p.iv. p.833) gie di fatti ritenut li :-

*“Tanto secondo la nostra giurisprudenza quanto secondo quella inglese, la nullita’ dell’ atto d’’ accusa non si accorda per ragioni nel merito ma per difetti sostanziali recanti un pregudizio, non altrimenti rimediabile nell’accusato, risultanti dalla faccia dello stesso atto che si impugna… Da altre sentenze stampate risulta che quando si e’ trattato della nullita’ o meno dell’atto di accusa , tale atto e’ stato sempre esaminato per se stesso , indipendentemente dal merito e delle prove.”*

Issa mill-fatti kif esposti fil-parti espozittiva tal-uniku kap tal-Att tal-Akkuza - veri jew mhux veri w jigux pruvati waqt il-guri jew le – indubbjament jidher li dawk il-fatti, sia pure telegrafikament deskritti, jikkostitwixxu fis-sustanza l-elementi tar-reat migjub jew deskritt f’dan il-kap ossia r-reat ta’ tentattiv t' omicidju volontarju – dejjem jekk jirrizultaw ghas-sodisfazzjoni ta’ min ikun irid jiggudika dwar il-fatti, i.e. l-gurati .

Illi fid-dawl ta’ dak hekk deciz din il-Qorti ma tistax tilqa’ din l-eccezzjoni w tannulla dan il-kap ta’ l-Att tal-Akkuza. S’intendi, jekk hu minnu dak li qed tallega d-difiza tal-akkuzati Zahra li xi fatti allegati fil-parti espozittiva mhux ser jirrizultaw pruvati, w konsegwentement ikun jista' jirrizulta xi reat iehor kompriz u involut, dan ikun jista’ jaghti lok ghad-difiza biex taghmel kapital minn dan il-fatt, kif mhux l-ewwel darba li sar u l-Prosekuzzjoni tkun qed tesponi ruha ghal din it-tip ta’ kritika inutilment u bi pregudizzju ghal kaz taghha. Imma dan hu riskju li l-Prosekuzzjoni trid tqis u li l-gurati biss finalment iridu jiddeciedu dwaru meta jaghtu l-verdett taghhom.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-imsemmija zewg eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzati Anthony Zahra w Louise Zahra w tiddifferixxi l-kawza sine die sakemm ikun maghruf l-ezitu ta' xi appell minn din is-sentenza.

Sadattant l-akkuzati kollha jibqghu fl-istess stat li jinsabu fih illum ghal dak li jirrigwarda l-liberta’ provizorja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------